MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 54/2015

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jonathan Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Jonathan Vella, karta ta' l-identita` numru 216882(M), talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk if żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu

ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għax-xhur minn April 2014 sa Mejju 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jagħti lil Abigail Colombo u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Frar 2015 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Jonathan Vella ħati u kkundannatu xahar priġunerija sospiż għal sena ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre ordnat il-ħlas lill-imsemmija Abigail Colombo tas-somma ta' tliet mija u sbatax-il euro fi żmien tliet xhur ai termini ta' l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Jonathan Vella ppreżentat fil-11 ta' Frar 2015 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata jew alternattivament, fl-eventwalita` li tikkonferma l-ħtija, li tvarjaha in kwantu l-piena billi timponi piena aktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet lil Abigail Colombo tixhed u tinforma lill-Qorti li l-pagament in kwistjoni seħħ; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant kienu fis-sens illi (1) l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax peress illi ma ġiex ippruvat li huwa naqas minħabba "risoluzzjoni waħda", (2) mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravu, il-piena hi oneruża wisq.

**6.** Peress illi sar il-pagament dovut fil-mori ta' l-appell, din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-aggravji.

**7.** Naturalment, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Iżda, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

> **"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu għall-ħtija iżda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija sospiż għal sena ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u in kwantu ordnat il-ħlas lill-imsemmija Abigail Colombo tas-somma ta' tliet mija u sbatax-il euro fi żmien tliet xhur ai termini ta' l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien tliet xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------